# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU 2822

Każ Nru 3824/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Francesca Busuttil (ID 538576 (M))

u

Laguna Marina Limited (C93254)

Data: 11 ta' Mejju 2022

*Dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta (Constructive Dismissal)*

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-Każ ġie ntavolat permezz ta' Rikors minn l-Avv. Matthew Cassar u l-Avv. Nicole Briffa f'isem Francesca Busuttil fejn ġie allegat illi din kienet irriżenjat b'mod sfurzat (*constructive dismissal*) fit-8 t'Ottubru 2019. Is-Soċjetà ntimata, li kienet rappreżentata mill-Avv. Christine Calleja, ċaħdet dan u tirritjeni li t-terminazzjoni tal-impieg tar-Rikorrenti kien sempliċement riżenja. Inżammu disa' seduti. A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452. tal-Liġijiet ta' Malta irid jingħad li minħabba n-numru ta' seduti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif jippreskrivi l-istess Kap.

**2. Fatti tal-Każ**

Is-Soċjetà li r-Rikorrenti kienet qed taħdem magħha meta seħħ it-terminazzjoni tal-impieg kienet għadha kif assumiet ix-xogħol permezz ta' *transfer of business* xi ftit qabel. Għaldaqstant ir-Rikorrenti kienet ġiet assunta skond il-liġi li tirregola dan. Tgħid ir-Rikorrenti li ħadet *demotion* u tpoġġiet f'kamra f'uffiċċju f'Portomaso li ma kien mgħammar bl-ebda tagħmir bħal *computer* u mezz ta' komunikazzjoni. Wara jumjen ħarġet fuq *sick leave* u kitbet ittra lis-Soċjetà ntimata fejn infurmatha illi kienet qed tirriżenja b'mod sfurzat. Is-Soċjetà ntimata tgħid li wara li assumiet ix-xogħol ġdid riedet tfassal pjan biex tmexxi l-Laguna Marina b'mod effiċjenti u professjonali u għalhekk ġie maħluq ir-rwol ta' *General Manager*/Marina *Manager* li ingħata lil persuna bi kwalifiċi u esperjenza neċessarja. Ir-Rikorrenti kienet ġiet mogħtija l-kariga li kienet riżultat tad-doveri li kellha fil-kuntratt preċedenti u wara li eżaminawlha is-*CV* tagħha. Baqgħet tingħata l-istess salarju li kellha qabel. L-uffiċju li oġġezzjonat għalih ir-Rikorrenti kien ser jiġi attrezzat hekk kif kien qed jiġi deċiż kif se titmexxa l-marina.

**3. Konsiderazzjonijiet**

Għad li ssemmew xi affarijiet li setgħu ġraw waqt il-perijodu ta' trasferiment bejn soċjetà u oħra t-Tribunal mhux se jidħol fihom peress dak li ġara kien wara li sar it-trasferiment meta l-unika persuna li ġiet trasferita hija propju r-Rikorrenti. Dan il-każ jinvolvi kwistjoni ta' allegat *constructive dismissal*. Għalhekk wieħed irid jinkwadra kollox dwar dan. Għad li din ma tidhirx fil-liġijiet nostrani l-Qrati Maltin sa minn żmien ilu konsistentement esprimew il-fehma li billi l-liġi tax-xogħol hija mudellata fuq il-liġi Ingliza hemm lok għal konsiderazzjoni tad-dutrina ta' *constructive dismissal.* Huwa għaldaqstant naturali li wieħed jistrieħ fuq l-każistika Ingliża għal-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett. Każ importanti, li ġie ċitat mill-Avv. Andrew Borg Cardona, li deher ukoll għar-Rikorrenti fl-aħħar seduta, huwa l-hekk imsejjaħ *Western Excavating Limited vs Sharp*. Dan bażikament stabbilixxa illi huwa l-aġir tal-*employer* li jirriżulta fi ksur sinifikanti tal-kuntratt tax-xogħol. Lord Denning fid-deċiżjoni definittiva ta' dan il-każ fil-Qorti ta' l-Appell, jgħid li hemm żewġ modi kif tista tikkonkludi li l-kuntratt ġie mhedded. Bażikament "*One test was whether the acts by the employer were in breach of a particular implied fundamental term.... the second test of repudiation was one where the employer was guilty of conduct which was a significant breach going to the root of the contract of employment* ". Jekk wieħed iqis bl-ottika ta' dan fil-każ in eżami wieħed jista jasal għal xi konklużjoni. Ir-Rikorrenti tirritjeni li ġiet *demoted*, li tpoġġiet f'uffiċju nieqes mit-tagħmir neċessarju u li ġiet mogħtija doveri li ma setgħetx taqdi. Mill-banda l-oħra is-Soċjetà ntimata tgħid li l-uffiċċju kien jinstagħab f'dak l-istat temporanjament hekk kif kienu qed jibdew biex jirranġaw l-arranġamenti ġodda. Jgħid ukoll li ta lir-Rikorrenti s-salarju attwali tagħha. Jidher li l-kambjament li sar fl-impieg tar-Rikorrenti kien it-titolu tal-*job* tagħha. Bażikament il-lista ta' doveri ġodda ma jidhrux li huma daqshekk differenti minn dak li kellha qabel għaliex lit-Tribunal ma rriżultalux li meta kienet ġiet mogħtija t-titolu ġdid taħt il-prinċipal preċedenti d-doveri tagħha kienu ġew riveduti totalment. Bażikament lit-Tribunal ma jidhirlux li bil-posiżżjoni ġdida r-Rikorrenti kellha l-kuntratt tax-xogħol tagħha miksur radikalment b'mod li jirrendi r-riżenja tagħha bħala *constructive dismissal.*

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li t-tmiem ta' l-impieg ta' Francesca Busuttil minn mas-Soċjetà ntimata Laguna Marina Limited ma kienitx effett ta' tkeċċija sfurżata.

**5. Drittijiet**

A tenur tal-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet dovuti lil min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

B'hekk intemm dan il-Każ.

**Iffirmat:Is-Sur Franco Masini**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Daniela Attard**
**Ghas-Segretarja**